KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 41/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 41

*L-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Viċi Sindku talab li jkun skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġija bħala ġustifikata.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 39 ġew approvati *nem com.*

2.2. B'referenza għall-punt nr.8.9 is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dwar Ġnien il-Mediterran huwa kien infurmat mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni illi qed issir diskussjoni interna dwar il-każ. Is-Sindku żied illi riċentement kien ikkuntattjat ukoll dwar il-każ u ġie infurmat li kienet ser tissejjaħ laqgħa mill-Prinċipal tal-MCAST dwar il-każ.

2.3. B'referenza għall-punt 8.2 is-Segretarju Eżekuttiv qal li għamel kuntatt mal-Awtorità tal-Artijiet u ġie infurmat li l-blokok li saru fit-triq mal-ħajt ta' Casa Flamini ma jistgħux jitneħħew qabel ma jitwaqqa u jinbidel iċ-ċint minħabba periklu. Il-membri qablu li għanda tingħata idea sa meta ser jibqa' dan l-inkonvenjent.

*Il-Kunsillier Axisa daħal issa.*

3. **Korrispondenza**

3.1. Proposta mingħand il-konsulenti ADI sabiex dawn jagħtu servizz lill-Kunsill Lokali Paola tal-evalwazzjoni tal-permessi kollha tal-lokalita li jidħlu għand l-Awtorità tal-Ippjanar. Il-membri approvaw il-proposta u qablu li jużaw dan is-servizz.

3.2. Korrispondenza mingħand l-Awtorità tat-Trasport bl-approvazzjoni sabiex parti minn Triq Ħal Saflieni tkun one-way bit-traffiku jidħol minn Triq Palma u mhux joħroġ; dan wara ix-xogħolijiet li saru fi Triq iċ-Ċimiterju fejn din sargħet pedonali sa Triq Ħal Saflieni.

3.3. Ittra bl-avukat rappreżentant ta' Transport Malta b'risposta għall-ittra li l-Kunsill qabel li tintbagħat fl-aħħar laqgħa, liema risposta tgħid biss li d-deċiżjoni dwar l-unloading ta' Triq il-Qalb ta' Ġesù hija waħda finali mingħajr ma tagħmel referenza għat-talbiet l-oħra tal-Kunsill. F'dan l-isfond il-membri qablu li tintbagħat risposta bl-avukat fejn ssir referenza għat-talbiet tal-Kunsill kif diskussi fl-aħħar laqgħa.

3.4. Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva sabiex isir iffirmar ta' ftehim (MOU) bejn il-Kunsill Lokali Paola u l-istess Aġenzija marbut mad-Dimentia, fejn isir ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet li jkunu qed jaqblu li jaqsmu bejniethom esperjenzi u tagħrif dwar id-dimentia. Il-membri approvaw il-ftehim kif ppreżentat.

3.5. Ittra mingħand l-ELC titlob li jsir l-aħħar pagament tal-kuntratti tas-soft areas fid-dawl li dawn l-pagamenti kienu twaqqfu mill-Kunsill hekk kif kien ma sarx ix-xogħol. Is-Sindku qal li mhux sewwa li isir il-pagament għax-xogħol li ma sarx u għaldaqstant ppropona li nibgħatu bl-avukat li jekk isir ix-xogħol li naqsu fih, jinħareġ il-pagament. Il-membri approvaw.

## 4. <u>Lejl f'Casal Paola</u>

4.1. Is-Sindku qal li l-attività Lejl f'Casal Paola ser issir fil-15 ta' Ottubru bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Mużikali Kristu Sultan u l-attivitajiet jinkludu Kunċert ta' mużika Maltija, wirjiet ta' artiġjanat, bands, gruppi folkloristiċi, għana, esibizzjonijiet ta' karozzi u ħafna affarijiet oħra. Il-membri qablu wkoll li fid-dawl li din l-attività ma saritx is-sena l-oħra, il-baġit tas-sena l-oħra jiżdied ma' ta' din is-sena u jkun jammonta għal €14,000 bħala total. Il-membri approvaw.

## 5. <u>Kuntratturi</u>

5.1. Is-Sindku qal li xtaq iressaq dan l-item sabiex jiddiskuti l-operat ta' żewġ kuntratturi, dak tas-soft areas u tal-knis. Dwar tas-soft areas is-Sindku qal li għalkemm instabu xi diffikultajiet mill-kuntrattur preċedenti u li qed jinnota li qed isir sforz sabiex isir ix-xogħol, hemm bżonn li mhux biex issir biċċa xogħol tiġi traskurata biċċa xogħol oħra. Għaldaqstant saħaq li hemm bżonn li l-kuntrattur jingħata tbeżbiża sabiex ix-xogħol isir sew kemm fejn tidħol tisqija u anka ħaxix ħażin, tħawwil ta' pjanti etc.

5.2. Il-Kunsillier Camilleri qal li kien iltaqa' mal-kuntrattur sabiex jara ix-xogħol li sar u żied illi sar anke xogħol fl-irrigation tal-pjazza u anke ta' Ġnien Dom Mintoff. Huwa

żied ukoll illi l-kuntrattur jidher li ma kienx tħallas uħud mill-invoices. Is-Sindku qal li ma twaqqfux il-pagamenti. Il-Kunsillier Camilleri qal li għandna insusu wara l-kuntrattur sabiex sal-aħħar tas-sena jiġi kollox sew.

5.3. Is-Sindku qal li ingħataw bosta ċansijiet lill-kuntrattur tal-knis u hemm bżonn li tittieħed azzjoni għax l-ammont ta' ħmieġ li hawn fil-lokalita' huwa wieħed kbir. Sostna li iridu jibdew joħorġu default notices u l-multi.

5.4. Il-Kunsillier Camilleri qal li sa xahrejn ilhu suppost illi sar id-data track mal-karretti però jidher li dan għadu ma sarx u mid-dehra kenniesa hawn wieħed biss u qed jinqabżu ħafna toroq. Għaldaqstant il-membri qablu li jinħarġu l-multi u default notices skond in-nuqqasijiet li jinstabu.

5.5. Is-Sindku qal ukoll li ser jagħmel kuntatt mad-Direttorat għat-tindif li qed jimplimentaw proġett pilota bit-tindif f'numru ta' lokalitajiet sabiex jara kif qed jiġi mplimentat il-proġett sabiex f'każ li jkun hemm ħtieġa il-Kunsill ikun preparat.

*Il-Kunsillier Axisa telaq issa.*

## 6. <u>Suq</u>

6.1. Is-Sindku qal li dan il-Kunsill ilhu għaddej snin bi proċess fejn issir pressjoni sabiex is-Suq ta' Paola ikun regolarizzat fejn kien ukoll ġie magħluq l-aċċess għas-suq bħala protesta. Kompla li riċentement kienu wkoll saru laqgħat ma persuni responsabbli mir-riforma tas-swieq fil-beraħ però min dakinhar ma sar xejn. Kompla li dan is-suq qed jikkawża inkonvenjent lir-residenti fejn isir armar kmieni jew inkella barra mill-ġranet kif ukoll minħabba l-ħmieġ li jitħalla. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jridx ineħħi is-Suq imma jirregolarizzah u li jinstab bilanċ bejn il-bejjiegħa u r-residenti. Kompla, billi ppreżenta petizzjoni minn 28 familja li joqgħodu fl-akwata tas-suq li qed titlob dan ukoll. Wara diskussjoni il-membri qablu li għanda tintbagħat ittra bl-avukat lill-Ministeru tal-Ekonomija titlob għal-laqgħa dwar dan is-suġġett flimkien mal-petizzjoni.

6.2. Is-Sindku kompla li hemm bżonn ukoll li ssir xi tip ta' tabella sabiex ikun jista' jitnaddaf is-suq sew mingħajr il-vetturi pparkjati wara li jżarma is-suq nhar ta' Sibt. Wara diskussjoni il-membri qablu li ssir din it-tabella għas-Sibt biss sabiex ikun jista' isir it-tindif mingħajr il-karozzi pparkjati. Fl-isfond ta' din id-diskussjoni il-membri

qablu li għandu jkun ċċarat fejn irid isir rapport meta bejjiegħa jarmaw kmieni filgħodu qabel il-ħin tal-monti.

7. **Offerti**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi bħalissa għaddejja l-evalwazzjoni tal-offerti marbuta mat-tender tal-panelli solari li ser ikunu finanzjati mill-Aġenzija tal-enerġija u l-ilma.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri wkoll illi b'rabta mal-van ġdid li l-Kunsill qed jixtri bħala parti mill-proġett ta' trasport ffinanzjat mill-fondi Norveġiżi, hemm bżonn ukoll li tinħareġ sejħa għal-offerti ta' garaxx. Għaldaqstant il-membri qablu tinħareġ din is-sejħa għall-garaxx għal-żewġ vetturi/vannijiet li jrid ikollu dawl u ilma u jkun fi spazju ta' 300metru radius mill-bini tal-kunsill.

8. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.1. Is-Sindku informa lill-membri illi f'laqgħa li kellu ilbieraħ ma' Infrastruttura Malta ġie infurmat illi ser jibda ix-xogħol tat-toroq fi Triq Brittanja u l-madwar. Is-Sindku kompla li ġie infurmat li x-xogħol ma bediex qabel minħabba li l-kuntrattur li kien assenjat waqa lura f'xogħol ieħor u kellu għaldaqstant jinħareġ tender ieħor.

8.2. Is-Sindku qal li xtaq jiċċara ftit punti dwar il-linji tal-parkeġġ fi Triq Bormla fejn fost l-oħrajn intqal li l-kunsilliera ma kienux infurmati bit-talba sabiex il-parkeġġ fil-parti d-dejqa jinqaleb għan-naħa l-oħra. Żied illi fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Mejju huwa kien ppropona li jiġi regolarizzat il-parkeġġ wara li l-Periti ta' Infrastruttura Malta qalulu l-l-parkeġġ jagħmel iktar sens fuq in-naħa l-oħra milli fejn kien qabel sar ix-xogħol. Is-Sindku qal li l-membri tal-Kunsill kienu qablu li ssir it-talba lil Transport Malta. Huwa żied li infatti l-uffiċjali ta' Transport Malta qablu mal-proposta tal-Kunsill però wara sar infurmat li meta l-kuntrattur mar biex jagħmel dawn il-marki kien twaqqaf minn xi terza persuna. Is-Sindku żied illi umbagħad kienu reġgħu ġew darb'oħra biex jagħmlu ix-xogħol u kien hemm li waqqafhom hu stess minħabba l-fatt illi la kienu saru tabelli tan-no parking u wara li l-marki bdew isiru ħżiena. Is-Sindku żied li wara li waqaf dan ix-xogħol kien bagħat għalih il-Kap Eżekuttiv ta' Infrastruttura Malta fejn infurmah li Transport Malta bidlet id-deċiżjoni tagħha u l-parkeġġ irid isir fin-naħa fejn kien qabel.

8.3. Is-Sindku informa lill-membri illi kien intalab jattendi għall-laqgħa mal-Awtorità tat-Turiżmu dwar Ġnien Dom Mintoff, fid-dawl li minħabba l-problemi li kien hemm

b'rabta mal-proġett li kien sar, il-ġnien kien għadu m'għaddiex fir-responsabiltà tal-Kunsill. Huwa żied li ġie infurmat li kien hemm xi spiża ta' €50,000 f'kontijiet pendenti u xogħolijiet ħżiena li iridu isiru u żied li kompla jisħaq magħhom illi qabel jitranġaw dawn l-affarijiet il-Kunsill mhux ser jassumi responsabiltà sħiħa tal-Ġnien. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar rapporti li kienu saru mill-Kunsill wara li saru atti vandali fil-ġnien. Is-Sindku qal li ġie infurmat mill-pulizija li wara li raw il-filmati tas-CCTV, kien ikkonfermat li l-att vandalu sar minn tfal u sfortunatament ma setgħux jitressqu l-qorti.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Kunsillier Bartolo staqsa x'ser isir mill-armar tal-Milied u dwar il-possibilità li tinbidel is-siġra tal-Milied li tintrama quddiem il-knisja. Is-Sindku qal li huwa għaddej bid-diskussjonijiet mal-kuntrattur sabiex jgħaddilu id-disinji kif kien ukoll iddeċieda il-Kunsill xhur ilhu. Dwar is-siġra is-Sindku qal li ser jiċċekkja mal-Każin De Paule fid-dawl li dik qed tintrama bħala parti mill-ftehim ma entitajiet kummerċjali.

9.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar Jum Paola. Is-Sindku żied illi qed jistenna lill-Viċi Sindku sabiex jiddiskuti dan il-punt fid-dawl li huwa parti mir-responsabiltajiet tiegħu, però sfortunatament illum ma setgħax jattendi il-laqgħa.

9.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar ix-xogħolijiet pendenti tal-pjazza. Is-Sindku qal li bdew jinbidlu il-bollards tad-dawl li issa huma aktar sodi u biex jinkisru irid isir att vandalu. Kompla li dwar il-funtana għaddejjin il-laqgħat fejn jidher li ser ikollhom jinqalgħu xi partijiet żgħar biex isir il-metre.

9.4. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar ix-xogħolijiet pendenti ta' Ġnien Tony Bezzina u s-Sindku kkonferma li l-kuntrattur għandu jibda ix-xogħolijiet fil-ġimgħat ġejjin.

9.5. Il-Kunsilliera Bartolo staqsa dwar it-taraġ taz-zuntier li reġa' inkiser. Is-Sindku kien infurmah li t-taraġ huwa responsabiltà tal-Knisja u għaldaqstant l-informazzjoni ta' min għamel il-ħsarat għaddiet lill-Kappillan.

9.6. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar x'ser mill-ħasil tal-bankini minħabba l-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera tgħaddilu lista tat-toroq biex jgħaddihom lill-kuntrattur jew lid-Direttorat tat-tindif biex jitnaqddfu.

9.7. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-parkeġġ riservat tas-silver T fid-dawl li dan il-parkeġġ rari jintuża. Is-Sindku qal li ser niċċekjaw dwar dan.

9.8. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet kemm fil-verità hemm minn Ġnien il-Mediterran li jgħajjat lil MCAST. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dik l-informazzjoni ma twasslitx, imma l-Awtorità tal-Artijiet ikkonfermat li mill-pjanta sottomessa mil-Kunsill hemm parti li tgħajjat l-MCAST.

9.9. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-andament tal-iskema tal-ikel tal-ħamiem. Is-Sindku qal li għalkemm għaddejja l-iskema tal-assoċjazzjoni dwar il-kontroll tal-ħamiem b'ikel li jaffettwa il-fertilita tagħhom, l-ammont ta' ħamiem jidher li għadu kif kien. Kompla li sfortunatament hawn bosta li jitimgħu l-ħamiem ukoll u għaldaqstant dan ma jgħinx.

9.10. Il-Kunsillier Camilleri staqsa dwar Ġnien ta' San Alwiġi fid-dawl li nies qed jarmu l-iskart fih għalkemm huwa magħluq. Is-Sindku qal li fuq dak il-proġett għaddej ix-xogħol mal-Awtorità tal-Ippjanar imma kkonferma li l-post huwa magħluq sewwa.

**10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 40 għas-somma ta' €100,079.40

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:15pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022.

11.2. Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |